ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 28 IT-TLIETA, 25 TA' APRIL 2017**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tlieta, 25 ta' April 2017 fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar – Sindku
Jesmond Aquilina – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Bjorn Azzopardi – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia – Kunsillier
Renald Falzon – Kunsillier
Josef Aquilina – Kunsillier
Martina Brancaleone – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Robert Reno Cremona – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kenneth Brincat – Segretarju Eżekuttiv

Mattea Sghendo – Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ

**MINUTI**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ippresjediet il-laqgħa.

Is-Sindku bdiet billi qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt.

**28/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**28/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Robert Reno Cremona li ma setax jattendi l-laqgħa minħabba impenji ta' xogħol. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*.
.

**28/02/01 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 27**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 27 li nżammet nhar it-Tlieta 4 ta' April 2017, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Renald Falzon issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 27 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**28/03 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**28/03/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li ġie ffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur dwar ir-restawr tal-Istatwa ta' Santa Marija f'tal-Blat, u għaldaqstant ix-xogħol għandu jibda fil-ġranet li ġejjin.

**28/03/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li waslet talba biex Trejqa tal-Blata tiġi one-way. Il-Kunsill qabel unanimament li din it-talba tintlaqa' fejn vetturi ma jkunux jistgħu jidħlu minn Triq il-Wied. Il-Kunsill għandu jibgħat it-talba lill-Transport Malta għall-approvazzjoni. **DOK 'A'**

**28/04 RAPPORTI**

**28/04/01 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-AWDITUR GĦAS-SENA FINANZJARJA 2017**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv jispjega dan ir-Rapport .Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li wara li sar l-awditjar kien hemm bżonn ta' aġġustamenti minuri dwar reclassifications. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ir-rapport tal-awditur għas-sena finanzjarja 2016. **DOK "B"**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex jiġi approvat ir-Rapport tal-Awditur bir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2016.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda l-mozzjoni**.**

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**28/04/02 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT DWAR ID-DOKUMENT TA' KONSULTAZZJONI MAĦRUĠ MILL-AWTORITA' TAL-IPPJANAR DWAR IŻ-ŻONA TAL-BAJJADA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ippreżentat ir-rapport tekniku ppreparat mill-perit tal-Kunsill dwar id-dokument ta' konsultazzjoni maħruġ mill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar iż-żona tal-Bajjada. Fil-qosor dan ir-rapport kien qed jipproponi proposti ġodda :-

a) Triq Marco Montebello fuq in-naħa fejn illum għandu użu industrijali kollu kemm hu għandu jibqa' industrijali filwaqt li fuq in-naħa l-oħra tat-triq għandu jkun residenzjali.
b) Triq il-Kaċċatur, il-parti t'isfel sal-liwja, għandha tkun residenzjali kif fil-fatt kienet fil-passat.
c) Triq ir-Ragħaj, naħa waħda tat-triq, in-naħa ta' fuq, għandha jkollha użu industrijali.
d) Kull bini li għandu permess validu għall-użu industrijali li llum qiegħed f'zona industrijali u se jinqaleb għal żona residenzjali, għandu jżomm id-drittijiet li għandu llum għal numru ta' snin, sakemm it-tkabbir jew intensifikazzjoni ma jkunx akbar minn dak preżenti.
e) Kull bini li għandu permess validu għall-użu residenzjali li llum qiegħed f'żona residenzjali u se jinqaleb għal żona industrijali jew kummerċjali, għandu jżomm id-drittijiet li għandu llum għal numru ta' snin, sakemm t-tkabbir ma għandux ikun akbar minn dak preżenti.

Ir-rapport dettaljat jinsab anness ma' dawn il-minuti bħala **DOK "C"**.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex dan ir-rapport jiġi approvat, iżda fejn jirrigwardja t-tul ta' żmien li wieħed għandu jgawdi mill-istess drittijiet li għandu llum, għandu jkun wieħed twil ħafna li jrid jiġi ddeterminat mill-Awtorita' tal-Ippjanar wara li ssir konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali, mar-residenti u mal-operaturi li għandhom permess validu li joperaw miż-żona f'tal-Bajjada.

**Il-Kunsilliera kollha** issekondaw l-mozzjoni**.**

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**28/05 RAPPORTI KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

**28/05/01 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT MILL-BORD TAL-AĠĠUDIKAZZJONI TAS-SEJĦA TA' KWOTAZZJONIJIET TA' PROVVISTA U TWAĦĦIL TA' BANKIJIET**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv iressaq r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni tas-sejħa ta' kwotazzjonijiet għal provvista u twaħħil ta' bankijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport li kien qed jirrakkomanda biex l-offerta tingħata lill-orħos offerta li kienet *administrative and technical compliant*, dik mitfugħa minn Anton Zarb bil-prezz ta' Eur3905 (vat eskluż). L-offerta li kienet orħos ma kenitx *technical compliant*.

**DOK 'D1'**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex il-Kunsill japprova r-rapport u jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u jagħti l-offerta lil Anton Zarb.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni. Il-Kunsill għandu jordna dawn il-bankijiet biex jitwaħħlu fi Ġnien il-Funtana.

**28/05/02** **APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT MILL-BORD TAL-AĠĠUDIKAZZJONI DWAR IS-SEJĦA TAL-OFFERTI: PARKING AVAILABILITY SENSORS SYSTEM**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv iressaq r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni tas-sejħa tal-offerti għal Parking Availability Sensors System

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport li kien qed jirrakkomanda biex l-offerta tingħata lill-orħos offerta li kienet *administrative and technical compliant*, dik mitfugħa minn Bonnici Bros Services Ltd bil-prezz ta' Eur40,629.98 (vat eskluż).

**DOK 'D2'**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex il-Kunsill japprova r-rapport u jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u jagħti l-offerta lil Bonnici Bros Services Ltd

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni. Il-Kunsill għandu jiffirma l-kuntratt wara li jiskatta l-perjodu tal-appell.

**25/06** **AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar aġġornat il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 8 ta' Mejju 2017 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fis-7:15 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti kkonfermati llum **it-Tnejn, 8 ta' Mejju** 2017.